MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Kompetenza Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 43/2019 LM

**Sabine Eveline Zapotoczna (I.D. 71655A)**
*(l-appellata u l-appellanta inċidentali)*

***vs.***

**Betsson Services Limited (C 44114)**
*(is-soċjetà appellanta)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. L-appell ewlieni f'dawn il-proċeduri huwa dak magħmul mis-soċjetà intimata, hawnhekk "is-soċjetà appellanta", **Betsson Services Limited** (C 44114), mid-deċiżjoni mogħtija fit-3 ta' Mejju, 2019 (minn issa 'l quddiem "id-

deċiżjoni appellata") mit-Tribunal Industrijali (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda li l-impjieg tar-rikorrenti **Sabine Eveline Zapotoczna**, hawhekk "l-appellanta", ma ġiex terminat għal raġuni ġusta u suffiċjenti, u ordna lis-soċjetà intimata tħallas kumpens lir-rikorrenti. Ir-rikorrenti min-naħa tagħha ressqet appell inċidentali minn parti mid-deċiżjoni tat-Tribunal, għaliex skont hi parti minn dik id-deċiżjoni kienet teżorbita t-talba, kif ukoll ma kinitx taqa' fil-kompetenza tat-Tribunal biex jagħti deċiżjoni dwarha.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrenti kienet ilha impjegata mas-soċjeta mis-26 ta' Settembru 2012, u ġiet mgħarrfa li l-impjieg tagħha kien qiegħed jiġi tterminat b'effett mid-29 ta' Lulju, 2016. Fir-rikors promotur tagħha r-rikorrenti qalet li t-terminazzjoni tal-impjieg tagħha ma saritx skont il-liġi, u għalhekk kienet tammonta għal tkeċċija inġusta. Qalet li minkejja li hija talbet lis-soċjetà intimata tersaq għall-ħlas tad-danni sofferti minnha konsegwenza ta' din it-tkeċċija inġusta, din baqgħet inadempjenti, u kien għalhekk li hija kellha tistitwixxi dawn il-proċeduri. Jirriżulta li wara li ġew istitwiti dawn il-proċeduri, is-soċjetà intimata wkoll interpellat lir-rikorrenti għall-ħlas ta' danni prelikwidati wara li allegat li hija wkoll sofriet danni konsegwenza tal-aġir tar-rikorrenti.

**Mertu**

3. Ir-rikorrenti spjegat li hija kienet ilha impjegata mas-soċjetà intimata mis-26 ta' Settembru, 2012, u fl-1 ta' Novembru, 2013 hija kienet ġiet maħtura bħala *Loyalty Coordinator* fejn kienet tieħu ħsieb klijenti kkunsidrati bħala VIPs mis-swieq Ġermaniżi u Pollakki. Ir-rikorrenti qalet li permezz ta' ittra tad-29 ta' Lulju, 2016 hija ġiet infurmata li l-impjieg tagħha kien qiegħed jiġi tterminat, u ma ngħatat l-ebda opportunità tirribati diversi allegazzjonijiet li saru fil-konfront tagħha. Ir-rikorrenti qalet li qabel ingħatat l-ittra tat-terminazzjoni tagħha mill-impjieg, qatt ma kienet ingħatatilha xi twiddiba dwar l-imġiba tagħha fuq il-post tax-xogħol, u hija dejjem ħadmet taħt pressjoni kbira ta' xogħol kemm damet fl-impjieg mas-soċjetà intimata. Fost il-provi prodotti quddiem it-Tribunal, ġiet ippreżentata kopja tal-kuntratt tal-impjieg tar-rikorrenti mas-soċjetà intimata, minn fejn jirriżulta li hija kienet impjegata fuq bażi *full-time,* għal terminu indefinit fir-rwol ewlieni ta' *Loyalty Coordinator* – *"to handle the first point of contact with the company's most valuable customers."*

Fl-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg, ir-rikorrenti ġiet mgħarrfa li l-impjieg tagħha kien qiegħed jiġi tterminat b'effett immedjat, għaliex fit-22 ta' Marzu, 2016 u fis-7 ta' Lulju, 2016 hija kienet kisret il-kuntratt ta' impjieg tagħha meta bagħtet informazzjoni kunfidenzjali estratta mid-*database* tas-soċjetà intimata

lill-indirizz tal-*email* personali tagħha.[1] Jirriżulta li qabel ingħatat l-ittra tat-terminazzjoni mill-impjieg, ir-rikorrenti kienet diġà ġiet imwiddba verbalment darbtejn oħra minħabba nuqqasijiet fl-aġir tagħha, li ġew meqjusa li setgħu jikkompromettu s-sigurtà tas-soċjetà intimata.

4. Is-soċjetà intimata wieġbet li l-allegazzjoni ta' tkeċċija inġusta li saret mir-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt, għaliex r-raġunijiet li wasslu għat-tkeċċija tar-rikorrenti mill-impjieg huma ġusti u korretti, u jimmeritaw li jiġu kkonfermati. Żiedet tgħid li l-impjieg tar-rikorrenti kien jirrikjedi livell għoli ta' responsabbilità u kunfidenzjalità fir-rigward tad-*data* tal-klijenti tas-soċjetà intimata, filwaqt li kompliet tispjega li d-*data* relattiva hija proprjetà esklussiva tas-soċjetà intimata. Is-soċjetà intimata eċċepiet li fit-22 ta' Marzu, 2016, ir-rikorrenti, mingħajr ma kellha raġuni valida għalfejn tagħmel dan, kienet bagħtet informazzjoni kunfidenzjali li hija proprjetà tas-soċjetà intimata, lill-*email address* personali tagħha, bi ksur tal-kuntratt tal-impjieg u bi preġudizzju għall-jeddijiet tas-soċjetà intimata. Żiedet tgħid li dakinhar ir-rikorrenti ngħatat twiddiba b'mod verbali. Fis-7 ta' Lulju, 2016, ir-rikorrenti għal darb'oħra bagħtet informazzjoni kunfidenzjali lill-*email address* personali tagħha, u għal darb'oħra reġgħet ġiet imwiddba verbalment dwar dan. Is-soċjetà intimata eċċepiet li minn dan għandu jirriżulta għalhekk li mhux minnu li r-rikorrenti qatt ma ngħatat twissija formali dwar l-imġiba tagħha. Is-soċjetà intimata spjegat li fid-19 ta' Lulju, 2016, ir-rikorrenti kienet ippruvat tistampa lista

[1] Fl-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg, ir-rikorrenti ġiet infurmata illi, *"on the 22nd of March 2016 and on the 7th of July 2016, you breached your contract when you forwarded to your personal email address a highly confidential database containing the identifiable information and personal data of some of our most valuable customers."*

kunfidenzjali bid-dettalji ta' aktar minn disat elef u seba' mitt (9,700) klijent tas-soċjetà intimata, liema klijenti kienu ġejjin minn diversi swieq differenti, fosthom swieq li ma kinitx responsabbli għalihom ir-rikorrenti fix-xogħol tagħha. Kompliet tispjega li għalhekk mhux minnu li r-rikorrenti ma ngħatatx opportunità tispjega jew tiġġustifika l-aġir tagħha, liema aġir huwa wieħed meqjus ta' natura gravi, u li jammonta għal ksur tal-kuntratt tal-impjieg tagħha. Is-soċjetà intimata eċċepiet ukoll li hija interpellat lir-rikorrenti u talbitha tħallas id-danni prelikwidati fl-ammont ta' ħamsin elf Euro (€50,000) minħabba ksur tal-kuntratt.

5. It-Tribunal kellu l-opportunità jisma' diversi xhieda, fosthom lil **Linda Olsson**, *HR Manager* mas-soċjetà intimata, li spjegat lit-Tribunal li s-soċjetà intimata topera fis-settur tal-*igaming,* fejn jiġu organizzati imħatri biex jintrebħu l-flus fuq logħob sportiv differenti, kif ukoll fuq logħob tal-*casino* u tal-*poker*. Ix-xhud spjegat li l-klijenti tal-kumpannija jirreġistraw fuq id-*database* tas-soċjetà intimata billi jdaħħlu d-dettalji personali tagħhom sabiex ikunu jistgħu jilagħbu, u tali *data* dwar il-klijenti tas-soċjetà intimata hija miżmuma b'mod kunfidenzjali ħafna. Ix-xhud qalet li din id-*data* tkun ta' interess għall-kompetituri tas-soċjetà intimata, u għandha valur kummerċjali fis-suq. Spjegat li r-rikorrenti kienet impjegata sabiex tassisti lil kategorija partikolari ta' klijenti meqjusa bħala VIPs, ġejjin mis-swieq Ġermaniżi u Pollakki, u hi kienet ġiet infurmata li kien hemm inċident fejn ir-rikorrenti bagħtet *email* b'data kunfidenzjali lill-*email address* personali tagħha. Qalet li kienet ir-rikorrenti stess li infurmat lill-*manager* tagħha b'dan, u li

sussegwentement reġa' kien hemm inċident identiku fis-7 ta' Lulju, 2016. Ix-xhud qalet li f'dawn id-drabi, ir-rikorrenti ngħatat twissija b'mod verbali. Dwar it-tielet inċident fejn ir-rikorrenti ppruvat tistampa d-dettalji ta' numru sostanzjali ta' klijenti tas-soċjetà intimata, ix-xhud qalet li din id-*data* qatt ma kellha tiġi stampata, u spjegat li:

> "*since customer data is such important customer data for us, what we have in place is that whenever you try to send customer data or other confidential data that gets tracked by the system, and this system when it gets tracked it moves into lock and that lock manually needs to be gone through by a person. So that is how we encountered this list.*"

Ix-xhud esebiet kopja tal-*email* li r-rikorrenti kienet bagħtet lil **Sebastien van Schalkwyk** (*People Manager)* fis-7 ta' Lulju, 2016, li permezz tagħha kienet infurmatu li minflok bagħtet l-*email* lejn l-indirizz tal-*outlook* tagħha, kienet bagħtitha lejn l-indirizz tal-*gmail* tagħha. F'din l-*email* ir-rikorrenti kienet infurmat lil van Schalkwyk li hija kienet ħassret din l-*email* mingħajr ma fetħitha.

Għad-domandi li sarulha fil-kontroeżami, ix-xhud qalet li hija ma ġietx infurmata mill-ewwel bl-inċident fejn ir-rikorrenti kienet bagħtet l-ewwel *email* b'informazzjoni sensittiva lilha nnifisha. Qalet li wara ż-żewġ inċidenti fejn ir-rikorrenti bagħtet informazzjoni sensittiva lill-*email* personali tagħha, ir-rikorrenti kienet ingħatat twissija verbali.

**Taina Makkonen**, *Chief Human Resources Officer* mas-soċjetà intimata, qalet li hija kienet saret taf li kien hemm ksur tal-kuntratt tal-impjieg tar-rikorrenti fid-

29 ta' Lulju, 2016, meta Linda Olsson (*HR Manager)* u Sebastien Van Schalkwyk (*People Manager),* talbu laqgħa magħha, fejn hija ġiet infurmata li fid-19 ta' Lulju, 2016, ir-rikorrenti kienet ippruvat tistampa d-*database* tal-klijenti meqjusa bħala VIPs għas-soċjetà intimata. Kien dakinhar ukoll li hija ġiet infurmata biż-żewġ inċidenti l-oħra li kienet involuta fihom ir-rikorrenti, fejn ir-rikorrenti kienet ġiet imwiddba verbalment. Ix-xhud qalet li dakinhar ġie maqbul li huma kellhom ikellmu lir-rikorrenti dwar l-inċident tad-19 ta' Lulju, 2016, fejn hija kienet ippruvat tistampa d-dettalji ta' numru sostanzjali ta' klijenti. Ix-xhud qalet li dakinhar ġie deċiż li f'każ li r-rikorrenti tkun kapaċi tagħti raġuni valida għalxiex kienet stampat dan id-dokument, hija kellha tingħata twiddiba. Iżda f'każ li jinstab li r-rikorrenti ma kellha l-ebda raġuni valida x'tagħti għalfejn hi stampat id-*database,* din kellha titkeċċa għaliex dan l-aġir kien jammonta għal ksur serju tal-fiduċja tal-kumpannija. Ix-xhud qalet ukoll li quddiem dawn iż-żewġ xenarji, ir-rikorrenti kellha tinstema' u tingħata ċans tispjega ruħha.

**Abby Rachel Cosgrave**, *general counsel* mas-soċjetà intimata, spjegat li fid-29 ta' Lulju, 2016, kienu kellmuha Linda Olsson u Sebastien van Schalkwyk dwar l-inċidenti li kienet involuta fihom ir-rikorrenti. Ix-xhud qalet li dawn iż-żewġ persuni spjegawlha li huma kienu diġà tkellmu ma' Taina Makkonen (*Head of HR*), u li r-rikorrenti diġà kienet involuta f'żewġ inċidenti oħra. Ix-xhud qalet li d-*data* li ppruvat tistampa r-rikorrenti kienet tinkludi dettalji ta' persuni li r-rikorrenti ma kellha x'taqsam xejn magħhom, u hija kienet ġiet infurmata wkoll li l-kumpannija kienet disposta li tittermina l-impjieg tar-rikorrenti f'każ li din

ma tagħti ebda raġuni valida fejn tispjega l-aġir tagħha. Ix-xhud qalet li l-parir tagħha kien fis-sens li:

> "*(should) Sabine not be able to provide a plausible reason for attempting to print the customer data, beyond any measure of doubt, this would constitute good and sufficient cause for termination of employment at law, being that it constituted a severe breach of trust on her part, as well as a blatant breach of her employment agreement.*"

Ix-xhud spjegat ukoll li s-soċjetà intimata hija 'kontrollur tad-*data'* taħt l-Att dwar il-Protezzjoni tad-*Data* u għalhekk għandha obbligi sabiex tissalvagwardja d-*data* fdata lilha mill-klijenti tagħha. Ix-xhud qalet li meta seħħ it-tielet inċident, fuq il-lista li ppruvat tistampa r-rikorrenti kien hemm dettalji ta' klijenti li jiġġeneraw madwar erbgħin fil-mija (40%) tad-dħul tas-soċjetà intimata. Ix-xhud qalet li r-rikorrenti kellha r-rwol ta' *VIP Coordinator,* li jfisser li hija kienet impjegata biex tieħu ħsieb u tikkoordina lil dawn il-klijenti tas-soċjetà intimata, hekk meqjusa bħala klijenti li għandhom valur għoli għas-soċjetà intimata. Żiedet tgħid li kieku din il-lista ma kellhiex valur għas-soċjetà intimata, is-soċjetà intimata ma kienx ikollha għalfejn timpjega *VIP Coordinator* sabiex taħdem ma' din il-kategorija ta' klijenti. Ix-xhud qalet li meta r-rikorrenti kienet bagħtet xi *data* lill-*email address* personali tagħha, hija kienet innotifikat lid-dipartiment tas-sigurtà fi ħdan is-soċjetà intimata għaliex ir-rikorrenti kellha l-għarfien li din id-*data* kienet kummerċjalment sensittiva u prezzjuża, u għalhekk din ma kellhiex tintbagħat fuq sistemi esterni għas-soċjetà intimata.

Xhud ieħor li nstema' mit-Tribunal kien **Frederick Exelsson**, *Managing Director* ta' Betsson.com, li qal li fid-29 ta' Lulju, 2016, huwa ġie infurmat li fuq il-lista li ppruvat tistampa r-rikorrenti kien hemm diversi dettalji tal-klijenti tas-soċjetà intimata, fosthom l-ismijiet ta' dawn il-persuni, fejn joqogħdu, kemm kienu ddepożitaw, kemm lagħbu, kemm rebħu u kemm tilfu flus tul is-snin li kienu ilhom klijenti tas-soċjetà intimata, u meta seħħ l-inċident, dawn il-klijenti kienu jirrappreżentaw madwar ħames miljun Euro fi dħul għas-soċjetà intimata. Qal li dokument bħal dan qatt ma kellu jiġi stampat, u s-soċjetà intimata għandha sistemi interni dwar kif informazzjoni bħal din għandha tiġi miżmuma u ttrattata. Ix-xhud spjega li sabiex dokument bħal dak jasal biex jiġi stampat, hemm proċess li jinvolvi li l-utent tas-sistema jagħmel l-għażla tal-pajjiż, l-għażla preċiża tad-dettalji li wieħed ikun qiegħed ifittex, u hemm proċess ukoll qabel dokument bħal dak ikun jista' jiġi stampat. Qal li hekk kif kien ġie mgħarraf b'dak li ġara, huwa kien ikkonkluda li dan ma kienx aċċidentali, u kien għalhekk li huwa ta struzzjonijiet sabiex tiġi ppreparata l-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti. Qal li l-unika raġuni li seta' jaħseb sabiex l-impjieg tar-rikorrenti ma jiġix itterminat, kienet jekk din twieġeb li kien xi ħaddieħor li għamel użu mis-sistemi informatiċi tagħha, u qal li ma kien hemm l-ebda raġuni oħra li ma kellhiex twassal għat-terminazzjoni. Ix-xhud qal li dak li sar jammonta għal ksur serju tal-*policy* tal-kumpannija. Fi kliem ix-xhud:

> "*Yes, I gave the instruction to talk to Sabine if there was any doubts that this came from someone else, that someone hacked into her computer, pull this list, printed it out which is highly unlikely as we have three different password in order to get to this stage. But if there was any doubt that she was the one responsible, then we*

*need to take it from there, we need to have a written warning or conversation when I come back. If there is no doubt that she was actually the one, doing this termination was the only option, immediate termination."*

Ix-xhud qal li ma kien hemm l-ebda ħtieġa li din il-lista tiġi stampata, u x-xogħol ta' kuljum tar-rikorrenti kien jinvolvi li din tikkomunika mal-klijenti tas-soċjetà intimata ġejjin mis-swieq Pollakki u Ġermaniżi, u tara jekk dawn għandhomx bżonn xi ħaġa. Qal li dan ix-xogħol isir kollu b'mod diġitali, u r-rikorrenti qatt ma kellha l-bżonn li tistampa dawn il-listi għax-xogħol tagħha. Ix-xhud qal li lista bħal dik għandha valur għall-kompetituri tas-soċjetà intimata għaliex fiha d-dettalji relattivi kollha tal-klijenti tagħha, u qal li din hija waħda mir-raġunijiet għalfejn lista bħal din qatt m'għadha tiġi stampata. Ix-xhud qal li din il-lista ma ġietx stampata mir-rikorrenti minħabba fis-sistemi ta' sigurtà li s-soċjetà intimata għandha fis-seħħ, imma r-rikorrenti kienet uriet l-intenzjoni li tistampa dan id-dokument.

**Adriano Romano**, *Information Security Manager* mas-soċjetà intimata fiż-żmien rilevanti, xehed li kien hemm żewġ istanzi ta' ksur tal-obbligi tar-rikorrenti meta din bagħtet *data* tal-kumpannija lill-*email accounts* personali tagħha. Ix-xhud qal li fid-19 ta' Lulju, 2016, għall-ħabta tas-7 ta' filgħaxija, huwa kien induna li r-rikorrenti kienet ippruvat tistampa d-*database* kollha tal-klijenti meqjusa VIP tas-soċjetà intimata, konsistenti fid-dettalji ta' madwar 9,700 persuna. Ix-xhud qal li s-soċjetà intimata għandha diversi sistemi interni ta' kontroll li jidentifikaw sitwazzjonijiet fejn id-dettalji tal-klijenti jistgħu jiġu kompromessi, u qal li din id-*data* għandha valur kummerċjali. Qal li sabiex

setgħet tistampa din id-*database,* ir-rikorrenti kellha tgħaddi minn diversi proċessi, fejn kull darba kellha tikkonferma li hija riedet tistampa d-dokument.

Din l-informazzjoni ġiet ikkonfermata minn **Sebastien van Schalkwyk**, li qal li dak li għamlet ir-rikorrenti kien jammonta għal *severe misconduct.* Fl-*affidavit* tiegħu x-xhud qal li r-rikorrenti ppruvat tistampa dettalji ta' klijenti li ma jaqgħux taħt ir-responsabbilità tagħha, u kien ġie deċiż li f'każ li r-rikorrenti ma kellha l-ebda raġuni plawsibbli għalfejn ippruvat tistampa dan id-dokument, kien hemm qbil li l-impjieg tagħha mas-soċjetà intimata kellu jiġi tterminat.

Ir-rikorrenti xehdet quddiem it-Tribunal fejn tat il-verżjoni tagħha ta' dak li kien ġara fiż-żewġ inċidenti li ppreċedew l-inċident li wassal għat-tkeċċija tagħha mill-impjieg mas-soċjetà intimata. Ir-rikorrenti qalet li wara l-ewwel inċident li seħħ fit-22 ta' Marzu, 2016, ħadd mis-soċjetà intimata ma reġa' semma' dak li kien ġara jew uża dak li ġara kontriha b'xi mod, u fiż-żewġ inċidenti msemmija, hija kienet bagħtet tinforma lill-*management* b'dak li kien ġara b'*email* li hija kienet bagħet immedjatament, immarkata '*high importance'.* B'riferiment għat-tielet inċident tad-19 ta' Lulju, 2016, ir-rikorrenti qalet li hija kienet ippruvat tistampa dokument mill-kompjuter tagħha, meta telgħetilha *pop-up window* li hija qatt ma kienet rat qabel u li ma kinitx familjari magħha. Ir-rikorrenti qalet li meta waħda mill-*prompts* staqsietha jekk riditx tkompli bl-istampar, hija għafset '*Cancel'.* Ir-rikorrenti qalet li hija kkanċellat l-ordni tal-istampar għaliex indunat li dak li kienet ser tistampa ma kienx dak li attwalment riedet tistampa. Ir-rikorrenti qalet li

dakinhar hija ma infurmat lil ħadd b'dak li kien ġara għaliex dehrilha li ma kienet għamlet xejn ħażin.[2] Ir-rikorrenti qalet ukoll li fis-17 ta' Lulju, 2016 l-kumpannija kienet għarrfet lill-impjegati tagħha li d-dipartiment tal-klijenti VIP kien ser jiġi ċentralizzat, u kienu ser isiru għadd ta' laqgħat informattivi mal-impjegati. Qalet li fit-28 ta' Lulju, 2016 kienet bagħet *email* lil Linda Olsson fejn staqsietha dwar il-kundizzjonijiet il-ġodda tagħha fuq il-post tax-xogħol wara l-bidliet li kienet ser tagħmel il-kumpannija, fejn ser ikun l-uffiċċju l-ġdid tagħha, u jekk il-ħinijiet tax-xogħol kinux ser jinbidlu. Ir-rikorrenti wieġbet li l-ġurnata ta' wara hija kienet intalbet tattendi laqgħa ma' għadd ta' VIP Coordinators oħra, fejn saru diversi mistoqsijiet dwar il-bidliet li kienet ser tgħaddi minnhom il-kumpannija, u d-diriġenti tal-kumpannija m'għarfux jagħtu risposti konkreti għad-domandi li tqajmu. Ir-rikorrenti qalet li waqt dik il-laqgħa hija kienet waħda mill-impjegati l-aktar voċiferi li għamlet domandi sabiex tkun taf aktar dwar x'kien hemm ippjanat fil-futur għall-impjegati tas-soċjetà intimata. Aktar tard dakinhar stess hija ntalbet tattendi għal laqgħa oħra fil-preżenza tal-istess Linda Olsson, li akkużat lir-rikorrenti li kienet ippruvat tistampa informazzjoni kunfidenzjali tal-kumpannija, u li dan l-inċident kien ser iwassal għat-terminazzjoni tal-impjieg tagħha. Qalet li hija ngħatat l-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg u ntalbet tiffirmaha, xi ħaġa li hija rrifjutat li tagħmel. Ir-rikorrenti qalet li wara li hija istitwiet il-proċeduri odjerni, kienet irċeviet ittra mingħand is-soċjetà intimata, fejn intalbet tħallas danni prelikwidati fl-ammont ta'

[2] Fi kliem ir-rikorrenti, "*I didn't report this incident because for me it wasn't an incident. I didn't see it as incident because nothing, nothing wrong happened or I didn't do a mistake or something that I had to inform my … because I tried to print and I cancelled because it wasn't a document, so where was no mistake from my side then, so I decided that I was acting in this moment correctly and there was no need to report anything to anybody.*"

ħamsin elf Euro (€50,000), u anki ġie intavolat mandat ta' sekwestru fl-istess ammont fil-konfront tagħha. Ir-rikorrenti qalet li hija ma ngħatat l-ebda ittra ta' referenzi mis-soċjetà intimata, u dan għamilha aktar diffiċli għaliha sabiex issib impjieg alternattiv. Qalet li meta hija bagħet *email* lil Linda Olsson u talbitha toħorġilha ittra ta' referenzi, din weġbitha li kull komunikazzjoni bejniethom kellha ssir permezz tal-avukati tal-partijiet. Ir-rikorrenti spjegat li konsegwenza ta' dan, hija kellha diffikultajiet kbar sabiex issib impjieg alternattiv, u dan il-fatt kellu wkoll konsegwenzi għal saħħitha. Ir-rikorrenti qalet ukoll li fis-snin li kienet impjegata mas-soċjetà intimata, hija qatt ma ngħatat xi forma ta' taħriġ dwar l-użu tas-sistemi tal-informatika tal-kumpannija, u kienet tgħallmet tagħmel użu minn dawn is-sistemi bil-prattika.

Quddiem it-Tribunal xehed ukoll **Antonis Pagounas**, is-sieħeb tar-rikorrenti li qal li fiż-żmien meta s-soċjetà intimata infurmat lill-impjegati tagħha bil-proċess ta' ristrutturar li kien ser isir, ir-rikorrenti kienet tkun anzjuża ħafna, minħabba li l-messaġġ li beda jitwassal lill-impjegati kien li min ma jogħġbux ir-ristrutturar propost, seta' jfittex xogħol ieħor barra mill-kumpannija.

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

6. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-3 ta' Mejju, 2019, it-Tribunal iddeċieda li t-tkeċċija tar-rikorrenti mill-impjieg ma saritx għal raġuni ġusta u suffiċjenti, u dan wara li saru s-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Il-Liġi li welldet it-Tribunal Industrijali kienet intiża biex f'każ meta ħaddiem jitkeċċa mix-xogħol u jħoss li t-tkeċċija ma tkunx saret għal raġuni ġusta, il-ħaddiem ikollu l-mezz li jressaq il-każ allegat u jinstema' quddiem Tribunal li ma jkunx Qorti iżda b'setgħat speċifiċi.*

*Id-deċiżjoni tat-Tribunal tkun finali. Tista' tiġi appellata biss fuq punt ta' liġi.*

*It-Tribunal jista' jimxi fuq il-fatti u l-provi li jiġu quddiemu. Mhuwiex Qorti, mhuwiex u m'għandux ikun legalistiku.*

> *"... **It-Tribunal Industrijali mhuwiex Qorti ...**". (ara email 11 May 2018 iffirmata mis-Sur Emanuel Sciriha Director & Registrar Civil Courts & Tribunals).*

*Mhux dan biss. Iżda wkoll li mkien fid-diversi kurituri tal-Qrati ma hemm referenzi u/jew indikazzjoni dwar Awli allokati lit-Tribunal Industrijali.*

*It-Tribunal Industrijali jiltaqa' fil-Qrati Superjuri. Huwa 'TOLLERAT'. M'għandux awli tiegħu.*

*Fuq kollox it-Tribunal Industrijali lanqas ma jissemma imkien fil-Pubblikazzjoni Uffiċjali:*

*"**Qrati tal-Ġustizzja, Malta u Għawdex, Charter għaċ-Ċittadini"**, Dokument ippubblikat mill-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali.*

*Dan kollu qed jingħad u jinkiteb fl-aktar mod ċar u dirett għaliex f'dawn l-aħħar snin mindu reġa' beda jiffunzjona t-Tribunal Industrijali f'Ottubru 2016, u bdejt nisma' l-każ, osservajt kif donnu dawn il-prinċipji fundamentali, kif u għalfejn twaqqaf it-Tribunal Industrijali, donnhom qed jintesew u jitwarrbu; hemm min qed jaħseb u jipprattika qisu quddiem Qorti tradizzjonali.*

***Sfond***

*Dan il-każ instema' matul dsatax (19)-il seduta. L-ewwel seduta nżammet il-Ġimgħa, 25 ta' Novembru 2016. L-aħħar seduta saret il-Ġimgħa 25 ta' Jannar 2019.*

*Matul is-smigħ l-appellanta kienet assistita mill-Avukat Ian Spiteri Bailey.*

*Is-soċjetà appellata jiġifieri l-Prinċipal kienet assistita mill-Avukat Ian Vella Galea kif ukoll minn diversi Avukati u persuni lajċi. (għad-dettalji ara l-file fl-uffiċċju tas-Segretarjat tat-Tribunal).*

***Tagħrif Siewi***

*Id-dewmien ta' sentejn u xahrejn ma sarux b'kapriċċ jew tort tat-Tribunal iżda riżultat ta' prassi u talbiet għal differimenti mill-assistenti tal-Appellanta u tas-soċjetà appellata.*

*Kien hemm ukoll raġunijiet oħra billi rappreżentanti tas-soċjetà Appellata, l-Appellanta stess, numru ta' Xhieda tal-partijiet u li huma wkoll barranin u mhumiex residenti hawn Malta mhux dejjem setgħu jattendu fid-data appuntata li jagħti t-Tribunal.*

*Peress illi kien hemm min mill-Partijiet illi l-ilsien naturali tiegħu mhuwiex l-ilsien Malti, bi qbil kien hemm seduti li saru b'taħlita taż-żewġ ilsna uffiċjali – il-Malti u l-Ingliż.*

*(Hawnhekk ukoll ikun ta' għajnuna lil kull min għandu interess illi jikkonsulta mat-Transcripts voluminużi tal-każ; ħames mija u tmienja u erbgħin (548) paġna ttajpjati minn traskritturi uffiċjali).*

*It-Tribunal ingħatawlu numru ta'* affidavits *bl-ilsien Ingliż, kif ukoll dawn id-dokumenti:*
*'Betsson Group Policy'*
*'Information Security Policy' (19-il paġna) immarkat fil-File (Dok. B);*
*'Code of Conduct' (Dok. C) – Endorsed 2015, Revised December 2015;*
*'Betsson Group Policy'- 'Guide for Disciplinary Procedures' – (Dok. B9);*
*'Betsson Group Policy' – 'Acceptable Usage Policy' (Dok. B5);*
*'Betsson Group Policy' – 'Code of Conduct' – (Dok. B3);*
*Tmintax (18-il paġna) ta' daqs A4 taħt ir-Ras "2016 0322 Email Sabine to Security re: Export Attachment Export Text".*
*Irid jingħad illi fuq talba tal-istess Tribunal Industrijali s-Soċjetà Appellata kienet ordnata li tipproduċi kopja tal-*Memorandum and Articles of Association *u dokumenti relatati inkluż* Power of Attorney. *Is-soċjetà appellata pproduċiet dak mitlub.*

*It-Tribunal iħoss il-ħtieġa li jagħmel referenza għal dawn id-dokumenti biex juri kif FUQ IL-KARTA is-soċjetà appellata, il-Prinċipal, kellu NUMRU SOSTANZJALI ta' <u>Linji Gwida biex jgħinu fl-andament bejn il-ħaddiem u min iħaddmu fuq il-post tax-xogħol.</u>*

***Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal***

*It-Tribunal Industrijali jasal għal konklużjonijiet studjati tiegħu fuq dak li joħroġ milli jisma' u jara bħala fatti waqt is-smigħ.*

*Irid jiġi reiterat u enfasizzat illi Tribunal Industrijali mhuwiex Qorti bħal dawk konvenzjonali iżda, madankollu, huwa gwidat mil-Liġijiet tax-Xogħol kollha li jolqtu u jirregolaw ir-relazzjoni ta' xogħol bejn ħaddiem u min iħaddmu u vice versa.*

*Għaldaqstant it-Tribunal josserva illi minn dak li ġie ppreżentat quddiemu l-Kuntratt tax-Xogħol bejn l-Appellanta u s-Soċjetà Appellata bħala l-Prinċipal kellu ommissjonijiet u nuqqasijiet serji minn kif titlob il-Liġi tax-Xogħol.*

*Irid jingħad ukoll il-metodu applikat mis-Soċjetà Appellata kif jidher minn dak li ra u sema' t-Tribunal dwar l-istrutturar ta' Personal ta'* Human Resources *fuq il-post tax-xogħol. Ingħad u inkiteb illi mhux biss kien hemm persuna waħda bħala 'H.R.' (Human Resources) iżda aktar; jissemma' u xehed ukoll 'People Manager'.*

*Is-soċjetà appellata deher ċar u tond illi ma tafx kif għandha tingħata Twissija (warning) sew verbali aktar u aktar jekk tkun bil-miktub. Hemm regoli stabbiliti. Deher ċar u tond illi dawn ir-regoli la jafhom u wisq u wisq anqas ma japplikahom il-Prinċipal f'dan il-każ.*

*Importanti li jiġi kkunsidrat u msemmi bil-qawwa kollha illi f'każ serju u delikat ħafna bħal dan trattat fejn l-akkużat għandu jkun jaf b'mod preċiż l-akkuża u jingħata opportunità sħiħa li jiddefendi lilu nnifsu; f'dan il-każ ma sar xejn minn dan. Is-Soċjetà Appellata bniet il-każ u ġew biss esebiti* affidavits *minn Uffiċjali, u hemm każ partikolari li wieħed minnhom ġie dettat lil min għamlu.*

*Tajjeb ħafna ukoll li jiġi msemmi b'enfasi kif, minn dak li ħareġ waqt is-smigħ, is-Soċjetà Appellata bħala* employer *naqset bis-sħiħ li tagħti kunsiderazzjoni tabilħaqq dak li titlob u tisħaq fuqu l-liġi tal-pajjiż dwar is-Saħħa u Sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol.*

*Dan joħroġ ċar kif ma tatx każ taċ-Ċertifikat Mediku tat-Tabib b'għoxrin sena fil-prattika, kif anki elabora dwar dan taħt ġurament is-sitwazzjoni ta' ansjetà li kienet għaddejja minnha l-Appellanta.*

*L-*Employer, *il-Prinċipal donnu kien moħħu biss, minn dak li ħareġ waqt is-seduti u bid-dokumenti li ressaq, li jaħseb biss f'dak li kien jara li kienu n-nuqqasijiet tal-*

*appellanta u jfittex kif jagħtiha l-eħrex kastig – it-Terminazzjoni tar-Relazzjoni ta' xogħol u jkeċċiha mill-impjieg.*

*It-Tribunal Industrijali irid jerġa' jenfasizza prinċipju fundamentali fejn jidħlu PROVI fuq suspetti jew* perceptions *illi "mijiet ta' suspetti" ma jagħmlux PROVA WAĦDA, biex il-ġustizzja naturali ssir, u tidher bl-aktar mod li qed issir.*

*Is-Soċjetà Appellata, ma ħareġ minn imkien waqt is-smigħ, illi għamlet dawk l-investigazzjonijiet meħtieġa bis-serjetà stabbilita biex wara, mill-PROVI, tasal għal konklużjoni serja u ġusta tagħha.*

***Deċiżjoni***

*Wara li t-Tribunal sema' lix-xhieda b'attenzjoni, fela bir-reqqa d-dokumenti kif preżentati, studja l-konsiderazzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq, kif ukoll ħa konjizzjoni ta' dak li tgħallem il-Letteratura Pertinenti dwar Relazzjonijiet Industrijali kif inhu xieraq u sewwa, jaqta' u jiddeċiedi illi l-impjieg tal-Appellanta ma ġiex terminat għal raġuni ġusta u sufficjenti.*

***Kumpens***

*Għar-raġunijiet kollha kif spjegati t-Tribunal jordna:*

*i) Is-Soċjetà Appellata, bħala l-*Employer*, il-Prinċipal, għandha tagħti Ċertifikat ta' Terminazzjoni nadif u pożittiv u li ma jħalli l-ebda dubju f'moħħ kull min jaqrah;*

*ii) Is-Soċjetà Appellata, bħala l-*Employer*, il-Prinċipal għandha tara li Appellanta tkun koperta quddiem il-Liġi dwar is-sehem tal-Prinċipal għal dak li huma kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali għal matul il-perijodu kollu tal-impjieg sad-29 ta' Lulju 2016;*

*iii) Is-Soċjetà Appellata għandha tħallas lill-Appellanta s-somma ta' tlieta u tletin elf u sittin euro €33,060 sa mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' xogħol ta' Mejju 2019.*

*B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-Xogħol."*

**Ir-Rikors tal-Appell**

7. Is-soċjetà intimata hawnhekk appellanta, ippreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fil-15 ta' Mejju, 2019 fejn talbet lil din il-Qorti tilqa' dan l-appell, u konsegwentement tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tat-3 ta' Mejju 2019, u tordna li l-atti jintbagħtu lura lit-Tribunal Industrijali kompetenti sabiex tingħata deċiżjoni *ai termini* tal-liġi, bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrenti.

8. Is-soċjetà appellanta tgħid li tħoss ruħha aggravata bid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali u telenka l-ħames aggravji li fil-fehma tagħha jagħmlu d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal waħda skorretta legalment u għalhekk nulla. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għall-preambolu tat-Tribunal, fejn saret enfasi fuq il-fehma tat-Tribunal li huwa m'għandux il-funzjoni ta' 'Qorti tradizzjonali', u li għalhekk m'għandux ikun legalistiku. Is-soċjetà appellanta sostniet li t-Tribunal Industrijali, bħal kull tribunal ieħor, għandu funzjoni kważi-ġudizzjarja, u għalhekk huwa marbut mhux biss bil-liġijiet sostantivi tal-pajjiż, iżda anke b'dawk proċedurali, inkluż il-prinċipji tal-ġustizzja naturali, fosthom li jagħti raġunijiet għall-konklużjonijiet tiegħu u li jassigura li ssir ġustizzja fuq il-merti tal-każ. Is-soċjetà appellanta qalet li dawn il-ħsibijiet żbaljati tat-Tribunal, iffurmaw il-qofol ta' sensiela ta' żbalji fid-deċiżjoni mogħtija minnu, u li qiegħed jiġi interpost dan l-appell minnha. Is-soċjetà appellanta qalet li fil-konsiderazzjonijiet tiegħu, it-Tribunal għamel riferiment għal fatti li huma totalment irrilevanti għall-każ, u li bl-ebda mod ma

jimpinġu fuq il-legalità tat-tkeċċija mill-impjieg tal-appellata, u li għalhekk ma setgħux jgħinu lit-Tribunal jasal għal konklużjoni ġusta *ai termini* tal-liġi. Intqal li t-Tribunal għamel għadd ta' osservazzjonijiet dwar il-kuntratt tax-xogħol tal-appellata, li dwaru ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni minn xi waħda mill-partijiet, u tant huwa hekk li l-partijiet qablu bejniethom li dan il-kuntratt kellu jirregola r-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet. Is-soċjetà appellanta qalet li minkejja li r-raġuni għat-tkeċċija tal-appellata mill-impjieg kienet minħabba li l-appellata ppruvat tistampa d-dettalji ta' diversi klijenti tas-soċjetà appellanta, meta l-appellata ma kellha l-ebda raġuni għalfejn tagħmel dan, it-Tribunal sejjes il-konsiderazzjonijiet tiegħu fuq il-ħsieb li kien hemm ommissjonijiet u nuqqasijiet serji fil-kuntratt tax-xogħol tal-appellata. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal kien żbaljat ukoll meta kkonkluda li s-soċjetà appellanta ma tafx kif għandha tingħata twissija verbali jew bil-miktub u li din iddipartixxiet mir-regoli stabbiliti dwar kif għandu jsir dan. Is-soċjetà appellanta qalet li din il-konklużjoni tat-Tribunal hija żbaljata għaliex fil-fatt m'hemm l-ebda regola dwar kif għandhom jingħataw it-twissijiet, kemm verbali jew bil-miktub, tant hu hekk li t-Tribunal naqas milli jindika liema huma dawn ir-regoli stabbiliti. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li t-Tribunal naqas milli jindika kif u għal liema raġuni s-soċjetà appellanta uriet li ma tafx kif għandha tingħata twissija, u għalhekk ikkonkluda li t-tkeċċija tal-appellata kienet waħda inġusta u mhux valida skont il-liġi. Is-soċjetà appellanta saħqet li t-terminazzjoni ta' impjieg tista' sseħħ b'mod immedjat għal raġuni valida u ġusta skont il-liġi, u li din m'hemmx għalfejn tkun preċeduta minn twissija verbali jew miktuba.

Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment ukoll għall-konsiderazzjoni tat-Tribunal li f'dan il-każ is-soċjetà appellanta bniet il-każ tagħha fuq sensiela ta' *affidavits,* mingħajr ma tat ċans lill-appellata tiddefendi ruħha fil-mument li ġiet mgħarrfa li l-impjieg tagħha kien qiegħed jiġi tterminat. Is-soċjetà appellanta qalet li meta l-appellata ntalbet tispjega r-raġuni għalfejn hija ppruvat tistampa lista ta' madwar għaxart elef klijent, l-appellata m'għarfitx tagħti risposta ċara għalfejn għamlet dan. Is-soċjetà appellanta qalet li l-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal turi li dan m'għamel ebda riferiment u ebda evalwazzjoni tal-provi qabel ma wasal għall-konklużjonijiet tiegħu, u għalhekk ma jistax jintqal abbażi ta' liema raġunar it-Tribunal ikkonkluda li l-appellata ma tħallietx tiddefendi ruħha. Żiedet tgħid li l-konklużjoni tat-Tribunal li s-soċjetà appellanta bniet il-każ tagħha fuq numru ta' *affidavits,* ukoll juri li t-Tribunal naqas milli jieħu konjizzjoni tal-provi kollha mressqa quddiemu. Is-soċjetà appellanta sostniet li t-Tribunal kien ippreġudikat kontra tagħha bħala l-prinċipal, u saħansitra allega li wieħed mill-*affidavits* kien iddettat lill-persuna li għamlitu. L-appellanta saħqet li mhux ġust li ssir allegazzjoni bħal din, partikolarment meta t-Tribunal ma ġġustifikax din l-asserzjoni gratuwita tiegħu.

Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment ukoll għall-konsiderazzjoni tat-Tribunal li bħala prinċipal hija naqset milli tieħu ħsieb is-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati tagħha fuq il-post tax-xogħol, għaliex ma tatx każ ta' ċerifikat mediku li nħareġ fil-konfront tal-appellata. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ma tistax tifhem x'inhi r-rilevanza ta' dan fl-ambitu ta' jekk tkeċċija ta' persuna mill-

impjieg kinitx ġusta jew le, u żiedet li r-raġuni għat-terminazzjoni tal-appellata mill-impjieg kienet li hija abbużat mill-informazzjoni kummerċjali u kunfidenzjali tas-soċjetà appellanta. Is-soċjetà appellanta qalet li minn qari tal-atti tal-proċeduri li nżammu quddiem it-Tribunal, jirriżulta li t-Tribunal ikkonsidra fatti u provi li huma irrilevanti għall-mertu tal-każ in eżami, fosthom il-*Memorandum and Articles* tas-soċjetà appellanta, il-kuntratt ta' impjieg ta' wieħed mix-xhieda, kif ukoll estratt minn artiklu li deher f'gazzetta, li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-vertenza li kellu quddiemu t-Tribunal. Qalet li dan huwa aggravju ta' natura legali minħabba li jikkonċerna d-diversi konsiderazzjonijiet irrilevanti li għamel it-Tribunal sabiex wasal għall-konklużjoni tiegħu.

Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li t-Tribunal naqas milli jagħmel evalwazzjoni tal-merti ta' sustanza tal-każ, u naqas ukoll milli jagħti motivazzjoni adegwata għall-konklużjoni li wasal għaliha. Żiedet tgħid li t-Tribunal naqas milli jevalwa l-fatti tal-każ kif jirriżultaw mill-provi u mix-xhieda prodotti, u minkejja li hija min-naħa tagħha ressqet diversi provi u xhieda sabiex tipprova li t-tkeċċija tal-appellata mill-impjieg kienet waħda ġusta, it-Tribunal naqas kompletament milli jikkonsidra u jevalwa dawn il-provi, u għalhekk il-konklużjoni tiegħu hija nieqsa minn konsiderazzjoni dwar jekk id-deċiżjoni tal-appellanta li tkeċċi lill-appellata mill-impjieg hijiex waħda valida, ġusta u korretta skont il-liġi.

Aggravju ieħor sollevat mis-soċjetà appellanta huwa li d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal hija *ultra petita,* speċifikament fil-parti tad-deċiżjoni fejn it-

Tribunal ikkonkluda li l-appellata kellha tingħata ċertifikat ta' terminazzjoni nadif u pożittiv, jew li s-soċjetà appellanta kellha, bħala prinċipal, tassigura li l-appellata kienet koperta fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali matul il-perijodu kollu tal-impjieg, sad-data meta ġie tterminat l-impjieg tagħha. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal ma kellu l-ebda talba sabiex jiddeċiedi f'dan is-sens, kif ukoll li dawn ir-rimedji li pprovda għalihom it-Tribunal la huma maħsuba u lanqas ikkontemplati fil-liġi, u għalhekk dawn l-ordnijiet ma setgħux jingħataw minnu.

Il-ħames aggravju sollevat mis-soċjetà appellanta huwa li t-Tribunal naqas milli jagħti motivazzjoni għalfejn ordna lill-appellanta tħallas l-ammont ta' tlieta u tletin elf, u sittin Euro (€33,060) lill-appellata bħala kumpens. Is-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal kien obbligat li jagħti spjegazzjoni dwar din il-likwidazzjoni tal-kumpens kif inħadmet. Tgħid li dan sar bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, u mingħajr tali motivazzjoni, it-Tribunal jidher li tefa' somma mingħajr ma ġġustifika kif wasal għal dan l-ammont.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell u l-Appell Inċidentali</u>**

9. Min-naħa tagħha l-appellata wieġbet li l-appell tas-soċjetà appellanta għandu jiġi miċħud, u d-deċiżjoni tat-Tribunal għandha tiġi parzjalment ikkonfermata, u dan in vista tal-fatt li l-appellata kellha tressaq appell inċidentali minn parti mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal. L-appellata sostniet li dak li trid tagħmel din il-Qorti huwa li tara jekk saritx ġustizzja magħha,

partikolarment fejn it-Tribunal ikkonkluda li t-tkeċċija ma kinitx waħda ġusta u ordna li l-appellata għandha titħallas kumpens.

L-appellata qalet li dak li tispeċifika l-liġi ġie osservat, partikolarment id-dispost tal-liġi li jgħid li d-deċiżjonijiet tat-Tribunal għandhom ikunu bil-miktub u ma għandhomx jispeċifikaw fid-dettall ir-raġunijiet għad-deċiżjoni aħħarija tiegħu, iżda jistgħu jagħmlu riferiment għax-xhieda prinċipali li tinstema' waqt il-proċeduri. L-appellata qalet li għalhekk dak li trid il-liġi, ġie osservat anke fid-deċiżjoni appellata, u għalhekk id-deċiżjoni appellata m'għandhiex tiġi mħassra u annullata iżda varjata. L-appellata qalet li minkejja li taqbel mal-prinċipju li l-preambolu li għamel it-Tribunal huwa irrilevanti għall-mertu tal-każ, madanakollu ma taqbilx ma' dak li ntqal mis-soċjetà appellanta li l-ħsibijiet tat-Tribunal kif espressi f'dan il-preambolu, huma fil-fatt preambolu għal sensiela ta' żbalji li jinsabu fid-deċiżjoni appellata. L-appellata tgħid li preambolu irrilevanti lanqas m'għandu jfisser in-nullità tad-deċiżjoni appellata. B'riferiment għat-tieni aggravju sollevat mis-soċjetà appellanta, fejn sar riferiment għal ċerti istanzi fid-deċiżjoni appellata fejn it-Tribunal ikkunsidra għadd ta' fatti irrilevanti għall-każ li kellu quddiemu, l-appellata qalet li dan l-aggravju huwa msejjes fuq punti ta' fatt, li ma jistgħux ikunu l-bażi ta' appell quddiem din il-Qorti. Qalet li l-konsiderazzjonijiet dwar il-kuntratt tax-xogħol tal-appellata m'għandhom l-ebda rilevanza għal din il-vertenza. Imma żiedet tgħid li s-soċjetà appellanta hija skorretta meta tgħid li m'hemm l-ebda regoli stabbiliti dwar kif għandha tingħata twissija, sew jekk verbali jew bil-miktub, 'il għaliex hemm skorta sħiħa ta' deċiżjonijiet li jistabbilixxu li twissija, verbali jew

bil-miktub, meta tingħata trid tkun magħmula ċara li hija twissija u b'mod li l-impjegat jifhem li f'każ ta' ripetizzjoni, huwa jista' jaffaċċja s-sanzjoni ta' tkeċċija. L-appellata qalet li f'dan il-każ it-Tribunal ma kellu l-ebda prova quddiemu li l-appellata kienet ingħatat xi twissija oħra qabel sfat imkeċċija, u għalhekk it-Tribunal kellu jaġġudika jekk din l-eħrex sanzjoni li ġiet inflitta fuq l-appellata kinitx ġustifikata fiċ-ċirkostanzi. B'riferiment għaċ-ċertifikati mediċi esebiti mill-appellata waqt il-proċeduri li nżammu quddiem it-Tribunal, l-appellata qalet li dawn iċ-ċertifikati kellhom rilevanza għaliex jippruvaw l-istat ta' ansjetà li hija kienet fih b'konsegwenza ta' dak kollu li għaddiet minnu, u dawn setgħu għenu lit-Tribunal fil-komputazzjoni tal-kumpens li kellu jitħallas lilha.

B'riferiment għat-tielet aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta, l-appellata qalet li dan huwa msejjes fuq l-apprezzament tal-provi, u għaldaqstant għandu jiġi skartat minn din il-Qorti sa fejn din il-Qorti qiegħda tintalab tagħmel evalwazzjoni mill-ġdid tal-provi prodotti quddiem it-Tribunal. L-appellata qalet li m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li t-Tribunal ħa konjizzjoni tal-fatti u tal-provi kollha li tressqu quddiemu, minħabba li fil-konsiderazzjonijiet tiegħu, it-Tribunal jagħmel elenku tal-provi, tal-*affidavits* u tad-dokumenti kollha ppreżentati quddiemu. Żiedet tgħid iżda li dawn il-provi ma kinux suffiċjenti biex jikkonvinċu lit-Tribunal li t-tkeċċija tal-appellata mill-impjieg kienet waħda ekwa u ġusta.

B'riferiment għar-raba' aggravju, l-appellata tgħid li filwaqt li hija taqbel ma' dan l-aggravju, li fuqu hija ssejjes l-appell inċidentali tagħha, madanakollu ma taqbilx li jekk jiġi milqugħ dan l-aggravju minn din il-Qorti, dan għandu jwassal għan-nullità tad-deċiżjoni appellata.

Inkwantu għall-ħames aggravju, fejn is-soċjetà appellanta tilmenta mill-fatt li d-deċiżjoni appellata hija nieqsa mill-motivazzjoni dwar kif it-Tribunal ikkomputa l-kumpens li għandu jitħallas lill-appellata, l-appellata tgħid li mill-provi jirriżulta ċar x'kienu l-konsegwenzi sofferti minnha minħabba fit-tkeċċija inġusta tagħha mill-impjieg, u x'kienu d-danni reali u t-telf li sofriet, fosthom il-fatt li hi għamlet erba' xhur mingħajr impjieg, l-ansjetà u l-problemi mediċi li ġew ikkawżati lilha, il-fatt li hija telqet minn pajjiżha u ppruvat tistabbilixxi r-residenza tagħha f'Malta, il-fatt li kienet ilha impjegata mas-soċjetà appellanta għal numru ta' snin, u għalhekk filli kellha ċerta stabbilità finanzjarja, u filli sabet ruħha mingħajr impjieg u mingħajr dħul, il-fatt li l-appellata tkeċċiet minn impjieg fl-uniku settur li hija qatt ħadmet fih u l-fatt li wara din it-tkeċċija l-appellata sabet problema kbira biex setgħet issib impjieg alternattiv. L-appellata saħqet li fin-nuqqas ta' formula ċara ta' kif wieħed għandu jasal għal-likwidazzjoni tal-kumpens f'kawżi simili, u fil-kuntest ta' dak li jipprovdi l-artikolu 81 tal-Kap. 452, minn imkien ma wieħed jista' jasal għall-konklużjoni li biex wasal għall-kumpens it-Tribunal injora d-danni realment sofferti mill-appellata u ċ-ċirkostanzi l-oħra li għaddiet minnhom sabiex sabet impjieg alternattiv.

**<u>Appell Inċidentali</u>**

L-appellata għamlet riferiment għall-parti konklussiva tad-deċiżjoni appellata, fejn is-soċjetà appellanta ġiet ordnata tagħti ċertifikat ta' terminazzjoni nadif u pożittiv li ma jħalli ebda dubju f'moħħ min jaqrah, kif ukoll ordna lis-soċjetà appellanta, bħala prinċipal, tassigura li l-appellata kienet koperta quddiem il-liġi dwar is-sehem tal-prinċipal fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali matul il-perijodu tal-impjieg tagħha. L-appellata qalet li din il-parti tad-deċiżjoni hija *ultra petita* minħabba li t-Tribunal ma kellux il-*vires* jesprimi ruħu dwar dan, kemm minħabba li ma kien hemm l-ebda talba għalhekk, kif ukoll għaliex dawn il-kwistjonijiet ma jaqgħux fil-limiti tal-kompetenza tiegħu biex jiddeċiedi dwarhom. Iżda qalet ukoll li għandu jkun paċifiku li dawn iż-żewġ paragrafi tad-*decide* m'għandhomx iwasslu għan-nullità tad-deċiżjoni appellata, anki għaliex id-dikjarazzjoni tat-Tribunal li l-impjieg tal-appellata ma ġiex terminat għal raġuni ġusta u suffiċjenti u l-kumpens li s-soċjetà appellanta ġiet ordnata tħallas huma proprju kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal. L-appellata qalet li għalhekk id-deċiżjoni appellata għandha tiġi varjata u mhux annullata, billi tiġi kkonfermata sa fejn it-Tribunal iddeċieda favur l-appellata u ddikjara li t-tkeċċija tagħha mill-impjieg saret mingħajr kawża ġusta, u għalhekk ġiet akkordata kumpens, u billi tordna r-revoka tal-paragrafi (i) u (ii) tas-sitt parti tad-deċiżjoni appellata, inkwantu t-Tribunal ma kellux il-*vires* li jiddeċiedi dwarhom.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta, flimkien mar-risposta tal-appellata, u dan fil-kuntest tad-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal.

*L-ewwel aggravju: Preambolu irrilevanti - it-Tribunal għandu funzjonijiet kważi-ġudizzjarji*

Is-soċjetà appellanta fl-ewwel aggravju tagħha tagħmel riferiment għall-preambolu li għamel it-Tribunal qabel għadda għall-konsiderazzjonijiet tiegħu dwar il-provi u d-dokumenti miġjuba fil-proċeduri quddiemu sabiex wasal għad-deċiżjoni appellata. Fl-imsemmi preambolu, it-Tribunal saħaq li huwa m'għandux funzjoni ta' Qorti u għalhekk m'għandux ikun legalistiku jew jadotta l-istess proċeduri u prinċipji bħall-'qrati tradizzjonali'. Is-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal Industrijali, bħat-tribunali l-oħra kollha, għandu funzjoni kważi-ġudizzjarja, u għalhekk huwa marbut kemm bil-liġijiet sostantivi kif ukoll bil-liġijiet proċedurali, fosthom dawk tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, u għalhekk kellu jagħti r-raġunijiet li wassluh għad-deċiżjoni appellata, u għandu jiżgura li l-ġustizzja ssir skont il-mertu tal-każ.

Il-Qorti qajla għandha għalfejn tgħid li s-soċjetà appellanta għandha raġun f'dawn is-sottomissjonijiet tagħha, 'il għaliex it-Tribunal għamel ħafna preamboli, li apparti li m'għandhom l-ebda rilevanza għall-każ li kellu

quddiemu u għal dak li kellu jiġi deċiż minnu, jiġifieri jekk it-tkeċċija tal-appellata mill-impjieg tagħha kinitx ġusta jew le, uħud mill-istqarrijiet li saru mit-Tribunal m'għandhomx mis-sewwa. Il-Qorti eżaminat id-dokumenti u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda li nstemgħu quddiem it-Tribunal, minn fejn ma tirriżulta l-ebda prova li meta tiġi analizzata jew ikkunsidrata qabel tingħata d-deċiżjoni dwar il-mertu, kellha twassal lit-Tribunal jagħmel il-preambolu li għamel dwar il-funzjonijiet tiegħu u dwar il-mod informali li bih huwa għandu jmexxi l-proċeduri. Kuntrarjament għal dak illi qal it-Tribunal fil-premessi għad-deċiżjoni appellata, il-funzjoni tat-Tribunal hija waħda kważi-ġudizzjarja, u ċ-Chairman li jippresjedi dan it-Tribunal imwaqqaf b'liġi speċjali għandu l-obbligu li jsegwi mhux biss il-liġi sostantiva, iżda wkoll dik proċedurali, kif ukoll il-prinċipji tal-ġustizzja naturali, ewlieni fosthom il-prinċipju li kull parti f'dawn il-proċeduri trid tingħata smigħ xieraq billi tingħata l-opportunità tressaq il-każ tagħha 'l quddiem. Minn dan isegwi għalhekk li t-Tribunal għandu l-obbligu li jagħti d-deċiżjoni tiegħu fuq il-provi u d-dokumenti li l-partijiet ikunu ġabu għall-attenzjoni tiegħu, u mhux fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti, li l-ebda waħda mill-partijiet ma tkun ressqet fil-kawża. Il-Qorti qiegħda tilqa' dan l-aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta limitatament sa fejn din sostniet li l-preambolu kien wieħed irrilevanti, għalkemm il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tas-soċjetà appellanta li l-imsemmi preambolu kien il-qofol ta' dak li s-soċjetà appellanta sejħitilu 'sensiela ta' żbalji li jinsabu fid-deċiżjoni appellata'. Dan għaliex lill-Qorti ma jirriżultaliex li l-asserzjonijiet irrilevanti li għamel it-Tribunal fil-preambolu tiegħu, kienu determinanti għad-deċiżjoni

appellata sa fejn ġie deċiż li t-tkeċċija tal-appellata mill-impjieg saret mingħajr kawża ġusta.

*It-tieni aggravju:* *konsiderazzjonijiet irrilevanti għall-meritu tal-każ in eżami*

Is-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal għamel diversi konsiderazzjonijiet irrilevanti sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu, bħal meta għamel riferiment għall-kuntratt tax-xogħol tal-appellata u qal li dan kellu n-nuqqasijiet tiegħu, bħal meta qal li s-soċjetà appellanta ma tafx kif għandha tingħata twissija lill-impjegat verbalment jew bil-miktub, u bħal meta qal li l-każ tas-soċjetà appellanta huwa mibni fuq għadd ta' *affidavits,* li wħud minnhom kienu ddettati lil min ħalifhom. L-appellata laqgħet għal dan billi qalet li dan l-aggravju partikolari huwa msejjes fuq il-fatti kif ġraw u mhux fuq punti ta' liġi. Il-Qorti jirriżultalha li t-Tribunal għamel riferiment għal provi u fatti li ma kienu xejn għajr provi ċirkostanzjali fir-rigward tal-materja li kellha tiġi deċiża minnu, anki jekk id-deċiżjoni tiegħu ma kellhiex għalfejn tkun ibbażata fuq tali provi u konsiderazzjonijiet. Fid-deċiżjoni appellata t-Tribunal qal li l-unika talba li kellu jiddeċiedi dwarha kienet jekk it-tkeċċija tal-appellata mill-impjieg kinitx valida u ġusta. It-twissijiet li ngħatat qabel, il-kuntratt tal-impjieg tagħha, u ċirkostanzi oħra li semma' t-Tribunal qabel wasal għall-parti deċiżiva tad-deċiżjoni appellata, huma immaterjali għall-mertu li kellu quddiemu. Mill-provi jirriżulta li l-appellata ppruvat tistampa informazzjoni meqjusa

kummerċjalment sensittiva għas-soċjetà appellanta, meta fil-linja tax-xogħol tagħha l-appellata ma kellha l-ebda ħtieġa li tistampa din l-informazzjoni. It-Tribunal kellu jillimita ruħu biss għal stħarriġ dwar jekk it-tkeċċija tal-appellata mill-impjieg kinitx waħda valida u ġusta, tenut kont tal-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-appellata u l-fatt li din ma stampatx din l-informazzjoni, iżda kkanċellat l-ordni hekk kif indunat li kienet ser tistampa din l-informazzjoni.

Il-Qorti assolutament ma taqbilx mal-mod kif it-Tribunal għamel riferiment għal ċertifikat mediku ppreżentat fl-atti tal-proċeduri quddiem it-Tribunal, bħala prova li wara t-tkeċċija tal-appellata mill-impjieg, din għaddiet minn żmien ta' ansjetà u anki sofriet minn problemi mediċi, u kkonkluda għalhekk li s-soċjetà appellanta kienet insensittiva għall-bżonnijiet mediċi tal-impjegati tagħha, u li kienet tonqos milli tieħu ħsieb is-saħħa tal-impjegati tagħha, meta dan iċ-ċertifikat mediku jirreferi għal dak li ġara wara li l-appellata tkeċċiet mill-impjieg, u mhux għaż-żmien meta din kienet impjegata mas-soċjetà appellanta. Din il-Qorti mhix adita bil-funzjoni li terġa' teżamina l-provi kif prodotti quddiem it-Tribunal. Madanakollu quddiem deċiżjoni bħal dik li ngħatat mit-Tribunal f'dan il-każ, il-Qorti tqis li l-provi li kellhom jiddeterminaw jekk verament it-tkeċċija tal-appellata mill-impjieg kinitx ġusta jew le, ġew injorati għalkollox mit-Tribunal. Hija verament ħasra li wara snin ta' proċeduri, provi, xhieda li ġew minn barra l-pajjiż appożitament biex jagħtu d-depożizzjoni tagħhom quddiem it-Tribunal, spejjeż ta' vjaġġi bl-ajru u diversi spejjeż oħra u dibattimenti, il-partijiet fil-kawża jibqgħu f'limbu u mingħajr eżitu finali għall-vertenza li jkunu resqu biha quddiem tribunal kważi-

ġudizzjarju. Il-Qorti għalhekk tqis li dan it-tieni aggravju huwa ġustifikat u qiegħda tilqgħu peress li jirriżulta li sabiex wasal għall-konklużjonijiet tiegħu, it-Tribunal ikkunsidra diversi fatturi li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-vertenza vera u proprja li kellu jiddeċiedi dwarha.

*It-tielet aggravju:* *nuqqas ta' evalwazzjoni tal-meriti ta' sustanza tal-każ*

Is-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal naqas milli jevalwa l-fatti u l-provi li wasslu għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellata, sabiex jiddetermina jekk it-tkeċċija tagħha kinitx mingħajr raġuni ġusta. Dawn il-provi kienu jikkonsistu f'diversi xhieda li taw il-verżjoni tagħhom tal-fatti kif ġraw, f'evalwazzjoni tal-proċess sakemm impjegat mas-soċjetà appellanta jista' jasal biex jistampa dokument, fil-mod kif l-appellata spjegat ruħha dwar dak li ġara u jekk hux minnu li din intenzjonalment ippruvat tistampa dan id-dokument jew le, bil-ħsieb li finalment jiġi deċiż jekk l-eventwali tkeċċija tal-appellata mill-impjieg kinitx mingħajr raġuni ġusta fiċ-ċirkostanzi kif seħħew. Minn dan kollu t-Tribunal m'għamel xejn, u minflok telaq mill-premessa li s-soċjetà appellanta applikat l-aktar forma ta' sanzjoni estrema fil-konfront tal-appellata billi keċċietha mill-impjieg. Din il-Qorti eżaminat il-provi u t-traskrizzjonijiet tad-diversi xhieda li taw id-depożizzjoni tagħhom quddiem it-Tribunal. Jirriżulta li wħud mix-xhieda saħansitra ġew minn barra l-pajjiż sabiex jagħtu d-depożizzjoni tagħhom, sforz il-konvinċiment tagħhom li dak li kellhom jgħidu

quddiem it-Tribunal seta' jgħin sabiex finalment issir ġustizzja, u jiġi deċiż jekk l-appellata għandhiex raġun tgħid li hija tkeċċiet mingħajr raġuni ġusta jew le. Iżda meta t-Tribunal ġie biex jagħti d-deċiżjoni tiegħu, jirriżulta li dak li kellhom xi jgħidu dawn ix-xhieda twarrab għalkollox, u bl-ebda mod ma ġie kkunsidrat sabiex it-Tribunal jiddeċiedi favur naħa jew oħra. Hawnhekk ukoll il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa ġustifikat u għalhekk qiegħda tilqgħu.

*Ir-raba' aggravju:* *deċiżjoni appellata* ultra petita

Kemm is-soċjetà appellanta kif ukoll l-appellata jaqblu li l-ewwel żewġ punti fil-parti tad-*decide* tad-deċiżjoni appellata huma *ultra petita* peress li jmorru lil hinn minn dak li ġie mitlub fit-talbiet tar-rikorrenti, hawnhekk l-appellata, u għalhekk jammontaw għal impożizzjoni gratwita da parti tat-Tribunal fuq is-soċjetà appellanta. L-appellata talbet biss li tingħata ittra ta' referenzi li tikkonferma li hija kienet għamlet diversi snin fl-impjieg tas-soċjetà appellanta, liema ittra jirriżulta li ngħatatilha wara li nbdew il-proċeduri quddiem it-Tribunal. Minn imkien mill-provi ma jirriżulta li s-soċjetà appellanta naqset milli tħallas il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali tal-appellata għas-snin li din kienet impjegata magħha, jew li l-appellata ressqet xi pretensjoni f'dan is-sens. L-inklużjoni ta' dawn iż-żewġ ordnijiet fil-parti deċiżiva tad-deċiżjoni appellata, jiffurmaw ukoll il-bażi tal-appell inċidentali mressaq mill-appellata, u għalhekk bejn il-partijiet hemm qbil li din il-parti tas-sentenza hija *ultra petita.*

Għaldaqstant il-Qorti tqis illi dan l-aggravju tas-soċjetà appellanta u l-appell inċidentali tal-appellata huma mistħoqqa u għalhekk qiegħda tilqagħhom.

*Il-ħames aggravju: nuqqas ta' motivazzjoni fl-ordni ta' ħlas*

Kif kellha l-opportunità li tirrileva f'sentenzi oħra, il-Qorti tisħaq li kull ordni għall-ħlas ta' kumpens għandha tkun immotivata u t-Tribunal għandu jagħti r-raġunijiet għall-mod kif ikun ikkomputa l-kumpens li għandu jitħallas mill-intimata.

L-artikolu 81(2) tal-Kapitolu 452 jispeċifika illi:

> "Meta, fuq ilment magħmul skont l-artikolu 75, it-Tribunal isib li r-raġunijiet għall-ilment ikunu bbażati tajjeb –
>
> (a) F'każ ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta, jekk ma jkunx hemm talba speċifika biex jerġa' jidħol fl-impjieg jew biex jerġa' jiġi impjegat, jew it-Tribunal jiddeċiedi li ma għandux jagħmel ordni biex jerġa' jidħol fl-impieg jew jerġa' jiġi impjegat kif intqal qabel, it-Tribunal għandu jagħti sentenza ta' kumpens, li għandha titħallas mill-prinċipal lil min jagħmel l-ilment, rigward it-tkeċċija. Iżda meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens it-Tribunal għandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie mkeċċi mingħajr kawża ġusta kif ukoll ċirkostanzi oħra, inklużi l-età u s-snajja' tal-ħaddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tal-impjieg ta' dak il-ħaddiem."

Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għal dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Publius Davison *vs.* De La Rue Currency and Security Print Limited**[3], fejn intqal illi:

---

[3] App. Ċiv. Inf. 23.04.2019.

> "... Ir-rikorrent tkeċċa inġustament u għandu jedd li jirċievi kumpens li jkun jirrifletti t-telf li sofra b'konsegwenza tad-deċiżjoni ħażina li ħa l-prinċipal. Il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn każijiet ta' tkeċċija inġusta għandhom jiġu ttrattati b'mod differenti minn każijiet oħrajn fejn l-attur ikollu l-jedd jippretendi d-danni. Il-liġi hi ċara dwar dak li t-Tribunal għandu jikkunsidra meta jillikwida l-kumpens u meta t-Tribunal ikun qiegħed jeżerċita d-diskrezzjoni għandu jispjega b'mod ċar u li jiftiehem kif u għalfejn ikun illikwida s-somma li jikkundanna lill-prinċipal iħallas. Id-diskrezzjoni ma jfissirx li t-Tribunal jista' jaqbad u jillikwida ammont li jkun. Fejn ikun hemm prova li l-impjegat ikun sofra d-danni, allura għandu jedd jippretendi t-telf li jkun sofra.
>
> Ovvjament min-naħa l-oħra t-Tribunal għandu wkoll jieħu in konsiderazzjoni ċirkostanzi bħad-danni tal-impjegat li jimmitiga t-telf u kontributorjetà fil-kondotta li tkun wasslet għat-tkeċċija. Hawn tidħol id-diskrezzjoni. Hu fatt li t-Tribunal għandu d-diskrezzjoni però din trid tkun eżerċitata b'mod raġonevoli u li tagħmel sens fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ u d-deċiżjoni tkun motivata."

Il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa mistħoqq u qiegħda tilqgħu, stante li t-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu kellu jimxi mal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, u għaldaqstant kien obbligat li jagħti l-motivazzjoni tiegħu dwar kif ġie kkomputat il-kumpens dovut.

In vista ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell imressaq mis-soċjetà appellanta fl-intier tiegħu, u għalhekk qiegħda tordna li l-atti jintbagħtu lura lit-Tribunal Industrijali sabiex dan jagħraf jagħti deċiżjoni *ai termini* tal-liġi, iggwidat mill-prinċipji legali stabbiliti f'dan l-appell.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi l-appell tas-soċjetà appellanta u l-appell inċidentali tal-appellata billi:**

**1. Tilqa' l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta limitatament sa fejn din sostniet li l-preambolu fid-deċiżjoni appellata kien wieħed irrilevanti;**

**2. Tilqa' l-aggravji l-oħrajn kollha mressqa mis-soċjetà appellanta, kif ukoll l-appell inċidentali tal-appellata, u tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal Industrijali kompetenti sabiex tingħata deċiżjoni *ai termini* tal-liġi.**

**3. Tordna l-komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali.**

**Tordna li l-ispejjeż sa dan l-istadju jibqgħu bla taxxa.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**